# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 18 ta' Novembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 269/2023 CL

**Miller Distributors Ltd (C344)**

**VERSUS**

**GGI Limited (C57457)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar is-7 ta' Awwissu 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ordnata thallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tnejn u disghin euro u erbgha u tlettin centezmu (€3,292.34) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha bl-ingrossa u provduta mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta konvenuta, fuq il-kont kurrenti tas-socjeta konvenuta stess, kif muri fl-istatement mmarkat Dok MD1. Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat tas-sekwestru prezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 27 ta' Awwissu 2021 u bl-imghax legali mit-23 ta' Marzu 2021 sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tas-socjeta konvenuta jew rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenut, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2024. Fis- seduta ta' wara, li kienet fil-7 ta' Ottubru 2024, is-socjeta konvenuta msejha ghas-subizzjoni ma dehritx u lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha u b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Alan Schembri li ipprezentat statement immarkat AM2 u iddikjara l-provi maghluqa u ra illi s-socjeta konvenuta naqset milli tirregistra dehra biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni u l-provi mresqa, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tnejn u disghin euro u erbgha u tlettin centezmu (€3,292.34) bl-imghax legali mill-4 ta' Mejju 2023[1], sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta. It-talba tal-spejjez marbuta mal-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru ma tistax tintlaqa' stante li ma gewx ipprezentati kopji taghhom fl-atti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data ta' l-ahhar invoice